# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 350.28

## REGOLAMENTI DWAR IR-RAPPURTAĠĠ TA' AĦBARIJIET QOSRA FIX-XANDIR

1 ta' Lulju, 2007

*L-AVVIŻ LEGALI 198 ta' l-2007.*

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar ir-Rappurtaġġ ta' Aħbarijiet Qosra fix-Xandir.

Direttivi skond l-artikolu 37(1) ta' l-Att dwar ix-Xandir. Kap. 350.

**2.** Il-Prim Ministru qiegħed b'dan, skond l-artikolu 37(1) ta' l-Att dwar ix-Xandir, jagħti direttiva lill-Awtorità tax-Xandir biex tikkonforma ruħha ma' l-obbligi internazzjonali ta' Malta skond l-artikolu 9 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar it-Televiżjoni Bla Fruntieri tal-Kunsill ta' l-Ewropa magħmula fi Strasbourg fil-5 ta' Mejju 1989, kif emendata.

Regolament dwar rappurtaġġ ta' aħbarijiet qosra.

**3.** (1) Il-jedd biex tagħti aħbarijiet qosra dwar xi ġrajja fejn ikun hemm ġa l-jeddijiet esklużivi biex dawn jixxandru bit-televiżjoni, għandhom ikunu regolati skond dan ir-regolament.

(2) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament:

"ġrajja" tfisser ġrajja ta' interess kbir għall-pubbliku li tixxandar fuq bażi esklużiva minn xandâr ewlieni;

"jeddijiet esklużivi" tfisser jeddijiet akkwistati minn xandâr, b'kuntratt ma' organizzatur ta' ġrajja jew mas-sid tal-post fejn l-avveniment ikun ser isir, l-awturi jew dawk li jkollhom il-jeddijiet fuq il-programm, bil-għan li tingħata xandira televiżiva tal-ġrajja minn dak ix-xandâr għal dik iż-żona ġeografika speċifika;

"rapport qasir" tfisser sekwenzi bil-ħoss u l-istampa fil-qosor, dwar ġrajja, magħmulin b'tali mod li jgħinu lil dawk li jkunu qed isegwu lix-xandâr sekondarju, ikollhom idea tajba biżżejjed ta' l-aspetti essenzjali tal-ġrajja;

"xandâr ewlieni" tfisser dik l-organizzazzjoni tax-xandir li jkollha l-esklużività biex ixxandar dik il-ġrajja bit-televiżjoni;

"xandâr sekondarju" tfisser dik l-organizzazzjoni tax-xandir li tixtieq tagħti tagħrif, b'rapporti qosra, dwar ġrajja fejn ix-xandâr ewlieni jkollu l-jeddijiet esklużivi.

(3) Biex il-pubbliku jkun jista' jeżerċita l-jedd tiegħu għall-informazzjoni, il-jedd għall-proprjetà tax-xandâr ewlieni ser jkollha ċerti limitazzjonijiet skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet imsemmija hawn iktar 'l isfel.

(4) Kull xandâr sekondarju ser ikun jista' jagħti tagħrif dwar kull ġrajja f'rapport qasir. Dan ikun jista' jingħata kif ġej:

(*a*) billi xandâr sekondarju jitħalla jagħħel liberament siltiet qosra minn dak tax-xandâr ewlieni. Sakemm minħabba prattikabbiltà dan ma jkunx possibbli, ix-xandâr sekondarju għandu jgħid li ħa l-informazzjoni oriġinali mingħand ix-xandâr ewlieni; jew

(*b*) billi sata' jaqbad mal-programm fejn tkun qed

tixxandar il-ġrajja, bl-iskop li joħroġ rapport qasir:

Iżda t-twettiq tad-disposizzjonijiet ta' dan is-subregolament ma għandhomx jiġu mfixkla, imnaqqsa jew imdewma minħabba xi pretensjoni tax-xandâr ewlieni jew l-organizzatur tal-ġrajja, skond il-każ, dwar ħlasijiet.

(5) Biex dawn l-arranġamenti jkunu jistgħu jitwettqu, iridu jintqiesu sewwa l-aspetti li ġejjin:

(*a*) jekk ġrajja organizzata jkun fiha diversi elementi organizzati sħaħ fihom infushom, kull element hekk organizzat għandu jintqies bħala ġrajja għaliha;

(*b*) jekk ġrajja organizzata tibqa' sejra għal diversi jiem, din tagħti l-jedd li jsir mill-inqas rapport qasir kuljum; u

(*ċ*) ir-rapport qasir għandu jintuża esklużivament mit-tieni xandâr u dan biss f'xandiriet regolari ta' aħbarijiet skedati.

(6) Siltiet qosra ma jistgħux -

(*a*) jiskorru d-90 sekonda;

(*b*) jixxandru qabel ma jintemm l-avveniment jew, f'avvenimenti sportivi, qabel ma jieqaf il-logħob ta' dak il-jum, skond liema jispiċċa l-ewwel;

(*ċ*) jintwera wara 24 siegħa li jkun sar l-avveniment;

(*d*) jintuża għal skopijiet ta' arkivju pubbliku;

(*e*) titneħħa l-*logo* jew kull xorta oħra li tista' tidentifika x-xandâr ewlieni.

(7) Ix-xandâr ewlieni jkollu l-jedd għal ħlas adegwat minħabba l-ispejjeż tekniċi li jkun ħallas. Madankollu x-xandâr sekondarju mhux ser ikollu għalfejn iħallas il-jeddijiet televiżivi.

(8) Jekk ix-xandâr sekondarju jingħata aċċess fiżiku għall-programm, l-organizzatur tal-ġrajja jew sid il-programm ikollu l-jedd jitlob lix-xandâr sekondarju għal xi spejjeż żejda li jkun għamel. Dawn l-ispejjeż għandhom ikunu raġonevoli.

(9) Jekk l-organizzatur tal-ġrajja jew sid tal-post fejn tkun qed issir il-ġrajja jirrifjuta jew iżomm lix-xandâr sekondarju milli jkun jista' jikseb aċċess fiżiku għall-post minn fejn tkun qed issir il-ġrajja, ix-xandâr sekondarju għandu jkollu d-dritt li jippreżenta b'urġenza rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn jitlob li l-organizzatur tal-ġrajja jew sid il-post fejn tkun qed issir il-ġrajja jiġi ordnat li jagħti dak l-aċċess minnufih.